MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 55/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Daniel Lanzon ta’ 22 sena, bin Alexander u Carmen nee’ Cefai,**
**imwieled Pieta’ nhar 30/09/1985, residenti fil-fond 61, Triq Gorg Borg Oliver, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ numru 567485(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Daniel Lanzon li gie akkuzat talli nhar il-05 ta’ Awwissu, 2008, minn gewwa l-Kunvent tal-Kapuccini, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex, bejn is-saghtejn u s-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar;

a) Seraq €250.00 ghad-detriment ta’ Rev Giovanni Bonello u Rev Cikku Caruana, liema serq huwa agravat bil-valur, bil-persuna u bin-natura tal-haga misruqa;
b) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
c) U fl-ahhar net talli kkommetta reat fil-perijodu operativ ta’ sentenza sospiza moghtija lilu nhar il-20 ta’ Dicembru, 2007, mill-Magt Antonio Giovanni Vella LL.D.;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Awwissu, 2008;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl tal-ammmissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat, izda ma tistax tinjora l-fedina penali tieghu ghalkemm l-imputat jidher li qed jipprova jirriforma hajtu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c) (d) (g), 267, 268, 271, 279 (a), 280 (1), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba

fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija b’rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs illi l-imputat jibqa’ jinzamm fil-Forensic Ward tal-Habs fl-Isptar Mount Carmel;

Finalment ghall-motivi hawn fuq migjuba u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 B (2) (b) tal-Kapitolu 9, tordna illi l-perijodu operattiv ta’ erba’ (4) snin tas-sentenza moghtija fl-20 ta’ Dicembru, 2007, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ghandu jerga’ jibda jiddekorri mil-lum taht l-istess kundizzjonijiet indikati fl-imsemmija sentenza;

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------